MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 239/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo sive Karl Bonello**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta’ att ta’ citazzjoni prezentata fit-28 ta’ Ottubru, 1992) kontra Carmelo sive Karl Bonello talli fis-snin precedenti l-istess citazzjoni u fil-kariga tieghu ma’ *Testing Ltd.*, b’diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti u b’risoluzzjoni wahda, bhala *manager* u/jew ufficjal principali iehor u/jew pagatur u ghaldaqstant il-persuna responsabbli skond l-Artikolu 55(1) ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap. 123 (hawn izjed ‘l quddiem imsejjah l-Att) u r-Regola 28 tar-Regoli ta’ l-1972 dwar Tnaqqis ta’ Taxxa (PAYE) (hawn izjed ‘l quddiem imsejha r-Regoli), wara li thallsu emolumneti taxxabbli taht l-Artikolu 5(1)(b)

u/jew (e) ta' l-Att, bi ksur tad-disposizzjonijiet li ser jissemmew:-

1. Naqas li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt it-Taxxa mnaqqsa mill-istess emolumenti kif tenut jaghmel skond l-Artikolu 55(1) ta' l-Att u r-regola 12(1)(a) tar-Regoli, u dan ghall-periodu ta' bejn Jannar 1990 sa Mejju 1992 u ghar-rigward tas-somma ta' Lm8603,00.0;
2. Naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt il-prospett/i dettaljat/i skond l-Artikolu 55(2) ta' l-Att u r-regola 12(1)(a) tar-Regoli u dan ghar-rigward tal-prospett/i ghall-periodu ta' bejn Jannar, 1990 sa Mejju 1992;
3. Naqas li jibghat fiz-zmien preskritt it-*returns* (il-prospett/id-dokumenti) annwali li jikkonsistu fil-formuli P3, P6 u P7 ghas-sena/snin 1990 u 1991 skond l-Artkolu 55(2) tal-Att u r-regola 14 tar-Regoli; u
4. Approprija ruhhu, billi dawwar ghalih jew ghal persuna/i ohra s-somma ta' Lm8603,00.0 li huwa zamm taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali u b'dannu lill-Gvern ta' Malta u ta' diversi impjegati ta' *Testing Ltd.*

L-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi, tinfliggi l-pieni preskritti fis-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 55 ta' l-Att u tordna lill-imputat li jottempera ruhhu mal-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Carmelo sive Karl Bonello hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, filwaqt li ddikjarat "illi somma dovuta tammonta ghal Lm8603", illiberat lill-imsemmi Bonello taht l-Artkolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza, maghmula u akkordata fl-istess gurnata, cioe` fit-8 ta' Ottubru, 2002 (fol. 252);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Carmelo sive Karl Bonello, minnu pprezentat fit-18 ta’ Ottubru, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-dfensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant, ghalkemm maqsum fi tlett paragrafi, huwa bazikament wiehed. Huwa jikkontendi li ma setax jinstab hati ta’ approprjazzjoni indebita peress li ma kien hemm ebda flus li huwa dawwar bi profitt ghalih jew ghall-kumpanija. Ghalkemm jammetti li lill-impjegati kien ihallashom il-paga mnaqqsa (cioe` minghajr dak li suppost kien iwarrab bhala *Income Tax* u *National Insurance*), fir-realta` dawn il-flus hekk imwarrba ma kienux jezistu, u dan peress li l-kumpanija ma kellhiex flus u hu stess kien spicca jhallas il-pagi (imnaqqsa) ta’ l-impjegati minn butu. *“Galadarba l-kumpanija ma kellhiex fondi bizzejjed,”* jghid l-appellant *“sabiex thallas lill-impjegati taghha – fatt illi fl-umli fehma tal-esponent gie ampjament ippruvat fil-kors tax-xhieda izda skartata kompletament mill-Ewwel Onorabbli Qorti – u wiehed mid-diretturi tal-kumpanija joffri li jhallas is-salarji netti minn butu – fatt iehor li gie ampjament ippruvat quddiem il-Prim’ Istanza – dan id-direttur ma ghandux allura jigi punit talli ma johrogx ukoll it-taxxa relattiva minn butu wkoll, u lanqas ma jista’ possibilment jitqies illi jkun approprja ruhhu minn din it-taxxa.”* L-appellant ikompli jsostni li huwa seta’, possibilment, jigi akkuzat mill-impjegati tieghu illi ma hallashomx is-salarju shih dovut lilhom – is-salarju *gross* – izda mhux li naqqsilhom mis-salarju ghax ma kienux jezistu l-fondi fil-kumpanija minn fejn id-direttur seta’ possibilment inaqqas il-kontribuzzjoni dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fl-ahhar nett l-appellant jilmenta mill-fatt li huwa tressaq akkuzat skond l-imputazzjonijiet kif aktar ‘l fuq indikat f’din is-sentenza peress li, skond hu, jezistu flus depozitati l-Qorti minn fejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jista’ jiehu s-somma lilu dovuta bhala taxxa u kontribuzzjoni tas-sigurta`.

Din il-Qorti ezaminat il-provi bir-reqqa, izda ma tistax tkkondividi l-fehma ta' l-appellant ghal dak li jirrigwarda r-raba' imputazzjoni. Ghalkemm ma hemmx dubbju li bejn l-1990 u Mejju ta' l-1992 – u possibilment anke fiz-zmien ta' qabel dan il-periodu – il-kumpanija li taghha l-appellant kien direttur u *manager* kellha diffkultajiet finanzjarji u ta' likwidita` ta' certu entita`, l-impjegati li kellha maghha kienet tinghatalhom il-paga bit-tnaqqis minnha ta' dak li kien dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jigifieri ta' dak l-ammont li suppost l-appellant kellu jghaddi lill-imsemmi Kummissarju. Bhala fatt, pero`, rrizulta li ghall-periodu inkriminat, dan l-ammont ta' flus ma kienx qed jigi mghoddi lill-Kummissarju (ara d-dseposizzjoni ta' George Gatt, fol. 24). Jirrizulta wkoll li kien hemm xi kazijiet fejn, minhabba nuqqas ta' fondi, il-paga hekk imnaqqsa thallset lill-impjegati, jew lil xi whud minnhom, minn kont personali ta' l-appellant (ara George Gatt, fol. 25 u fol. 168; Deborah Smith, fol. 183).

F'kaz simili ghal dak odjern, u cioe` fil-kaz ***Il-Pulizija v. John D'Dea***, deciz minn din il-Qorti, diversament komposta, fil-11 ta' Jannar, 1994, din il-Qorti kienet osservat li meta l-persuna responsabbli minn kumpanija taghzel li tibqa' tiggestixxi l-kumpanija bl-istess numru ta' impjegati u thallashom il-paga mnaqqsa, hija ma tistax "tuza" l-flus hekk imnaqqsa (jew "iffrankati" mill-punto di vista ta' minn qed imexxi l-kumpanija) biex bihom tkompli tmexxi l-istess kumpanija (u anke b'hekk forsi tevita li jkollha tillicenzja xi impjegati) flok ma tghaddi dawk il-flus lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Din il-Qorti, in fatti, kienet qalet hekk:

**"L-istampa veru tac-cirkostanzi, pero`, mihiex li effettivament wara li kienet tigi moghtija il-paga lill-impjegati bit-tnaqqis ta' dak dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni effettivament ma kien jibqa' xejn – din hija stampa li ikkrea l-imputat stess – l-istampa vera hija li legalment din il-Qorti ghandha thares lejn ic-cirkostanza billi tiehu kull impjegat *singulatim*, u f'kull kaz, la kien hemm flus biex jithallsu l-impjegati l-ohra, jew almenu whud minnhom, il-procedura kellha tkun illi titwarrab il-parti dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi**

**Interni materjalment, u din tithallas lill-Kummissarju. Jekk b'din is-sistema ma kienx hemm bizzejjed biex jithallas kulhadd u biex tkompli ghaddejja s-socjeta` -- ghalkemm din il-Qorti tifhem il-problema u tissimpatizza ma' l-appellant -- is-soluzzjoni ma kienitx dak li ghamel hu** [cioe` li ma jghaddix il-kontribuzzjoni tal-N.I. u tat-taxxa fuq id-dhul] **imma li jiehu mizuri ohra. Is-soluzzjoni certament ma kinitx illi l-qtugh isir taparsi, u dak li suppost gie maqtugh jintuza biex tibqa' ghaddejja l-kumpanija u anke biex jithallsu impjegati ohrajn. Jekk ma kienx hemm biex jithallsu impjegati ohrajn, jew ma kienx hemm bizzejjed biex il-kumpanija tibqa' topera, kif inghad kien hemm soluzzjonijiet ohra. Il-konkluzzjoni li ghalhekk trid necessarjament tasal ghaliha din il-Qorti hija illi, kunsidrat kull kaz individwalment, u cioe` kull kaz ta' impjegat individwalment, certament ma jistax jinghad dak li qed jissottometti l-appellant u cioe` illi kien hemm qtugh imma ma kienx hemm fl-istess hin, ghax ma kienx hemm flus. Il-konkluzzjoni trid tkun li effettivament kien hemm il-qtugh u li dak li nqata' mis-salarju ta' kull impjegat individwalment, flok intuza ghall-iskop li ghalih kien destinat, intuza ghal skop iehor. F'dawn ic-cirkostanzi jiffigura perfettament ir-reat ta' approprjazzjoni indebita…".**

Din il-Qorti tara li dan kollu hu applikabbli wkoll ghall-kaz odjern. Fi kliem iehor, teknikament kien hemm ir-reat ta' approprjazzjoni indebita. S'intendi, wiehed, imbghad, jista' jimmodera l-piena skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Effettivament f'dan il-kaz l-ewwel qorti anqas tat proprjament "piena" izda, kif inghad aktar 'l fuq, illiberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor iehor fi zmien sena (*conditional discharge*). Kwantu ghall-fatt li hemm flus depozitati l-Qorti li minnhom il-Kummissarju llum jista' jithallas, dan ukoll ma jinnewtralizzax ir-reat in kwistjoni.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. In vista tat-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza, il-periodu ta' sena tal-liberazzjoni taht kundizzjoni jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------